

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

1.9.2008

B6-0402/2008

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

impressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skond l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Annemie Neyts-Uyttebroeck, Marco Cappato, Lydie Polfer, Janusz Onyszkiewicz, István Szent-Iványi, Margarita Starkevičiūtė u Grażyna Staniszewska

f'isem il-Grupp ALDE

dwar is-sitwazzjoni fil-Ġeorġja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fil-Ġeorġja

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Ġeorġja u, b'mod partikulari, dawk tas-26 ta' Ottubru 2006, tad-29 ta' Novembru 2007 u tal-5 ta' Ġunju 2008,
 - wara li kkunsidra r-rapporti tiegħu tas-17 ta' Jannar 2008 dwar politika tal-UE iktar effettiva għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u tal-15 ta' Novembru 2007 dwar it-tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP),
 - wara li kkunsidra l-Ftehma ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999,
 - wara li kkunsidra l-Ftehma ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn-naħa l-waħda, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1997 u skadiet fl-2007 iżda kienet estiża awtomatikament,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tat-13 ta' Awissu 2008 tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni u l-konklużjonijiet tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew li saret fi Brussell fl-1 ta' Settembru 2008;
 - wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/450/CFSP tas-16 ta' Ġunju 2008 dwar kontribut ulterjuri min-naħa tal-Unjoni Ewropea għall-proċess tas-soluzzjoni tal-kunflitt fil-Ġeorġja/fl-Ossetja tan-Nofsinhar u l-azzjonijiet konġunti preċedenti tal-Kunsill dwar l-istess suġġett¹,
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet 1781 (2007) u 1808 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU li jestendu l-mandat tal-Missjoni ta' Osservazzjoni tan-NU fil-Ġeorġja sat-13 t'Awissu 2008,
 - wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat approvat mill-Kunsill ta' Koperazzjoni bejn l-UE u l-Ġeorġja fl-14 ta' Novembru 2006,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-gwerra reċenti fil-Ġeorġja hija parti minn proċess twil ta' żieda fit-tensjoni bejn il-Ġeorġja u r-Russja li tirrifletti sforz min-naħa tar-Russja biex iżżid l-influwenza tagħha fil-viċinat tagħha,
- B. billi r-rikonoxximent Russu tal-indipendenza tal-Abkażja u tal-Ossezja tan-Nofsinhar fis-26 t'Awissu jmur kontra l-isforzi għal soluzzjoni paċifika u l-ftehma bbażata fuq sitt

¹ ĠU L 157, 17.6.2008, p. 110.

punti għall-waqfien mill-ġlied innegożjata mill-Unjoni Ewropea u ffirmata mill-Ġeorġja u r-Russja u qed joħloq ir-riskju ta' iktar instabilità fir-reġjun tal-Kawkasu u jagħmel ħsara lir-relazzjonijiet tar-Russja ma' sieħba ewlenin u jdgħajjef l-irwol tagħha fil-komunità internazzjonali,

- C. billi l-isforzi ewlenin issa għandhom ikunu ffukati biex tittaffa t-tbatija tal-vittmi ċivili fuq iż-żewġ naħat u r-ritorn ta' dawk li kellhom jitilqu minn djarhom minħabba l-kunflitt, l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' soluzzjoni tal-kunflitt ġdid u vijabbli u l-iskjerament ta' osservaturi internazzjonali u ta' qawwa għaż-żamma tal-paċi ġdida, imparzjali u internazzjonali,
- D. billi osservaturi internazzjonali ċivili u militari, organizzazzjonijiet tal-midja u tad-drittijiet tal-bniedem u staff tal-ġhajjnuna umanitarja jridu jingħataw aċċess mingħajr xkiel fiż-żoni kollha affettwati mill-kunflitt u l-libertà li jinvestigaw il-ksur tal-liġi internazzjonali li allegatament twettaq waqt il-kunflitt,
- E. billi l-Unjoni Ewropea għandha żżomm għaqda politika sħiħa b'reazzjoni għall-kriżi fil-Ġeorġja u għandha titkellem b'vuċi waħda, b'mod partikulari fir-relazzjonijiet mar-Russja; billi l-proċess lejn soluzzjoni paċifika u stabbli għall-kunflitti fil-Ġeorġja u fil-Kawkasu se jitlob reviżjoni komprensiva tal-Politika tal-Viċinat tal-UE u impenn ġdid fir-rigward tar-reġjun kollu, f'koperazzjoni mal-organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali kollha, b'mod partikulari mal-OSCE,
- F. billi l-kunflitt fil-Ġeorġja u r-relazzjonijiet futuri tal-UE mar-Russja jirrappreżentaw test kruċjali għall-politika barranija emerġenti tal-UE, li l-Unjoni trid tgħaddi minnu b'suċċess sabiex tkun attur globali serju,
 - 1. Jikkundanna l-użu tal-vjolenza f'dan il-kunflitt bħala inkompatibbli mal-obbligi internazzjonali u Ewropej u mal-ħafna rizzoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar il-kunflitti mhux solvuti fir-reġjun; jitlob li jieqfu immedjatament l-azzjonijiet li jidher li huma ta' tindif etniku u għall-konformità sħiħa mal-fteħima ta' waqfien mill-ġlied, b'mod partikulari rigward l-irtirar tal-forzi Russi mill-port ta' Poti fuq il-Baħar l-Iswed;
 - 2. Jiddispijaċih dwar it-tbatija taċ-ċivili f'dan il-kunflitt u jitlob li jintlaħaq fteħim immedjat dwar aċċess liberu għall-istaff ta' organizzazzjonijiet ta' ġhajjnuna umanitarja fiż-żoni kollha affettwati mill-gwerra u l-konsegwenzi tagħha; ifakkar lill-partijiet fl-obbligi tagħhom skond il-liġi internazzjonali li jippermettu li l-ġhajjnuna umanitarja tgħaddi mingħajr periklu;
 - 3. Jitlob li jkun stabbilit malajr mekkaniżmu multinazzjonali ġdid għall-osservazzjoni u għaż-żamma tal-paċi fl-Ossezja tan-Nofsinhar u fl-Abkażja taħt il-patroċinju tan-NU jew l-OSCE;
 - 4. Jafferma mill-ġdid l-appoġġ inekwivokabbli tiegħu għall-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ġeorġja; jenfasizza li kwalunkwe soluzzjoni paċifika u li tibqa' għandha tkun ibbażata fuq ir-rispett ta' dawn il-prinċipji;
 - 5. Jitlob li jitwaqqaf fond tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżi u għar-rikostruzzjoni għall-Ġeorġja

sabiex tingħata għajna umana u ekonomika sostanzjali, jgħin fir-ritorn tar-rifuġjati u r-rikostruzzjoni tad-djar u ta' infrastruttura kritika u joffri strumenti biex jittaffa l-impatt negattiv tal-kunflitt fuq l-ekonomija tal-Ġeorġja;

6. Jitlob li tingħata malajr għajna umana internazzjonali; jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jallokaw biżżejjed fondi ta' emerġenza għall-vittmi kollha tal-kunflitt u lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri simili;
7. Jirrimarka li huwa biss billi tadotta pożizzjoni magħquda u b'saħħitha li l-Unjoni Ewropea tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikattiv għas-soluzzjoni paċifika u sostenibbli ta' dan il-kunflitt u tal-kunflitti l-oħra li għadhom bla soluzzjoni fil-Kawkasu; jitlob, għalhekk, li titwaqqaf missjoni ċivili-militari tal-ESDP għall-Ġeorġja, taħt il-patroċinju tal-OSCE, sabiex iżżom l-ordni fiż-żona buffer u biex tippromwovi miżuri maħsuba biex terġa' tinbena l-fiduċja;
8. Huwa tal-fehma li t-tiftix għas-soluzzjonijiet tal-kunflitt fil-Ġeorġja, flimkien mal-kunflitti l-oħra li għadhom bla soluzzjoni fil-Kawkasu tan-Nofsinhar, se jibbenefika mill-internazzjonalizzazzjoni dejjem ikbar tal-mekkaniżmi tas-soluzzjoni tal-kunflitti; jipproponi għalhekk li l-Unjoni Ewropea tlaqqa' 'Konferenza għall-Paċi madwar il-Kawkasu' bħala element ewlieni f'dan il-proċess; iqis li konferenza bħal din għandha tiddiskuti l-garanziji internazzjonali dwar ir-rispett sħiħ għad-drittijiet ċivili u politiċi u l-promozzjoni tad-demokrazija permezz tal-istat tad-dritt internazzjonali; jenfasizza li l-konferenza għandha ttiprovdi wkoll opportunità biex tinstema' l-vuċi tal-gruppi mhux irrappreżentati jew li kienu mġiegħla ma jsemmgħux leħinhom fir-reġjun tal-Kawkasu;
9. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex b'urġenza jeżaminaw kif il-Politika tal-Viċinat tal-UE tista' tkun żviluppata u msaħħa iktar, b'mod partikulari rigward il-liberalizzazzjoni tal-viżi u l-istabbiliment ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-ġirien tagħha u bejn il-pajjiżi ġirien; iħeġġeġ lill-Kunsill biex mingħajr dewmien jiffinalizza mandat għall-Kummissjoni sabiex tibda negozjati mal-Ġeorġja dwar ftehma wiesgħa u komprensiva dwar il-kummerċ ħieles;
10. Jitlob lill-Kummissjoni biex sa tmiem is-sena tadotta strateġija reġjonali għida għall-Kawkasu tan-Nofsinhar li tipprevedi rwol strateġiku ikbar għall-UE fir-reġjun u toffri lill-pajjiżi involuti qafas istituzzjonali u finanzjarju ambizzjuż biex jgħinhom fl-isforzi tagħhom biex jistabbilixxu rabtiet politiċi u ekonomiċi eqreb mal-UE;
11. Jitlob l-introduzzjoni ta' reġim ġdid ta' faċilitazzjoni tal-viżi bejn il-Ġeorġja u l-UE u għar-reviżjoni tar-reġim attwali tal-viżi mar-Rusja;
12. Jissuġġerixxi li l-Kunsill jikkunsidra li jaħtar mibgħut speċjali tal-UE għall-Ġeorġja li jkun personalità magħrufa sabiex jiffaċilita l-proċess biex tinstab soluzzjoni għall-kunflitt u jsaħħaħ l-irwol u l-viżibilità tal-Unjoni Ewropea fir-reġjun;
13. Jitlob lir-Rusja sabiex issegwi l-eżempju tal-Ġeorġja u ttiprovdi aċċess sħiħ għall-midja internazzjonali, għal min jissorvelja r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u għall-investigaturi li jiffukaw fuq il-liġi internazzjonali fiż-żoni taħt il-kontroll tagħha u f'dawk tal-alleġati tagħha f'dan il-kunflitt; jitlob li ssir investigazzjoni internazzjonali indipendenti biex ikun

iddeterminat jekk twettqux reati tal-gwerra, reati kontra l-umantià jew vjolazzjonijiet oħra tal-liġi umanitarja internazzjonali jew tal-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u minn min; jitlob li dawk issuspettati li wettqu vjolazzjonijiet bħal dawn jitressqu quddiem il-ġustizzja, jew permezz ta' tħarrik ġenwin quddiem il-qrati nazzjonali rilevanti jew quddiem il-Qorti Kriminali Internazzjonali;

14. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar kemm marru lura r-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja bħala riżultat tal-azzjonijiet tar-Russja fil-Ġeorġja; itenni l-impenn tiegħu favur koperazzjoni mill-qrib bejn l-Unjoni Ewropea u r-Russja, iżda jenfasizza li s-'sħubija strateġika' iddikjarata trid tkun sostitwita minn relazzjonijiet iktar pragmatiċi u realistiċi mar-Russja; jirrimarka li t-tkomplija tan-negozjati għall-ftehma ġdida bejn l-UE u r-Russja u l-applikazzjoni tal-ftehma għat-tħaffif tal-ħruġ tal-viżi se jiddependu mill-impenn tar-Russja fit-teħid ta' passi kostruttivi biex tikkalma l-kriżi attwali u kemm hi lesta li tiegħu rwol serju, responsabbli u kostruttiv fil-kuntest internazzjonali u Ewropew;
15. Jittama li dibattitu intern serju dwar il-ġrajjet li wasslu għal dan il-kunflitt issa jibda kemm fil-Ġeorġja u kemm fir-Russja; jittama li tali dibattitu fiż-żewġ pajjiżi jikkontribwixxi biex tinstab soluzzjoni dewwiema, jissaħħu d-demokrazija u r-responsabilità politika u jgħin biex kemm il-Ġeorġja u kemm ir-Russja jaslu għal soluzzjonijiet iktar prevedibbli fil-politika barranija tagħhom li jeskludu l-użu ta' mezzi militari;
16. Jistieden lill-Kumitat Olimpiku Internazzjonali biex iqis bis-serjetà jekk id-deċizzjoni tiegħu li jagħti l-Logħob Olimpiku tax-Xitwa għall-2014 lil Sochi għadhiex valida fid-dawl tal-ġrajjet reċenti fiż-żoni qrib is-siti Olimpiċi futuri;
17. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta evalwazzjoni tal-konsegwenzi tal-kunflitt reċenti għall-provvista tal-enerġija tal-UE u biex iżżid l-isforzi tagħha biex tiddiversifika t-tipi u s-sorsi tal-enerġija; jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għall-pajp tal-gass Nabucco, u huwa tal-fehma li dan il-proġett għandu jkun prijorità għall-Unjoni Ewropea, bl-appoġġ speċifiku xieraq mill-baġit tal-UE;
18. Jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għar-ratifikazzjoni tat-Trattat ta' Liżbona, li se jippromwovi politika barranija komuni tal-UE u jsaħħaħ id-dimensjoni tas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni;
19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, u lill-President u l-Parlament tal-Ġeorġja, lin-Nazzjonijiet Uniti, lill-OSCE, lill-Kunsill tal-Ewropa u lill-President u l-Parlament tal-Federazzjoni Russa.